MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 124/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentipprezentat fis-6 ta’ April, 2006 li permezz tieghu l-attrici esponiet bir-rispett u bil-gurament ikkonfermat:

1. Illi fis-26 ta’ Frar, 2000, l-esponenti zzewget lill-intimat B.

2. Illi fl-20 ta' Dicembru, 2005, l-esponenti sseparat mill-intimat B permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Ian Spiteri.

3. Illi fis-7 ta' Marzu, 2006, twieldet il-minuri Z, liema minuri giet registrata bhala l-wild naturali tal-intimat B, hekk kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Twelid anness u mmarkat bhala Dok. A.

4. Illi l-minuri Z m'hijiex il-bint naturali tal-intimat B, izda tal-intimat C.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara li bint l-esponenti Z li twieldet fis-7 ta' Marzu, 2006 m'hijiex il-wild naturali tal-intimat B,

2. tiddikjara li bint l-esponenti Z li twieldet fis-7 ta' Marzu, 2006 hija wild naturali tal-intimat C.

3. prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja skond il-Ligi, tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex inehhi l-konnotati kollha tal-intimat B mill-Att tat-Twelid tal-minuri Z li twieldet fis-7 ta' Marzu, 2006 u jissostitwiehom bil-konnotati tal-intimat C.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' l-intimat li permezz taghha jammetti t-talbiet rikorrenti, b'dana illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati unikament mir-rikorrenti stante' l-mertu tat-talbiet taghha, u kif anke qablu l-istess partijiet bejniethom dwar min ghandu jhallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

Rat l-atti processwali, u senjatament l-affidavits ta' l-atttici u tal-konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha l-konvenuta fiz-zmien li kienet diga’ ma tghix mieghu bhala martu ma kinitx tieghu. Il-konvenuti t-tnejn jammettu t-talba.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deciza fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut ... fl-istess waqt li f’dak iz-zmien ma kellhiex x’taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost ohrajn 30 ta’ Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni tal-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili, mehuda ma’ dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f’mohh il-Qorti dwar il-paternita’ tat-tarbija.*

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f’dan il-kawza u jidher car li l-attrici nisslet it-tarbija wara li kienet gia’ abbanudat id-dar konjugali. Fil-fatt il-konvenut C kien anke ikkonferma mal-konvenut B li z-zwieg taghhom kien intemm qabel ma beda r-relazzjoni mal-attrici.

.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. tiddikjara illi t-tarbija Z li welldet l-attrici fit-12 ta’ April, 2005 u registrata fl-att tat-twelid numru 839/2006 m’hijex wild il-konvenut B;**

**2. tiddikjara li l-istess tarbija hija bint il-konvenut C;**

***3.*** **tordna li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid imsemmi fi zmien xahar minn meta l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja ufficjali ta' din is-sentenza;**

**L-ispejjes jithallsu mill-attrici u l-konvenut C solidalment bejnithom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------